



0052/2016

27.4.2016

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar Strateġija tal-UE għall-Problema ta' Persuni Mingħajr Dar

**Neena Gill (S&D), Brian Hayes (PPE), Alfred Sant (S&D), Sylvie Goulard (ALDE), Karima Delli (Verts/ALE), Lynn Boylan (GUE/NGL), Sylvie Guillaume (S&D), Ivan Jakovčić (ALDE), Agnes Jongerius (S&D), Dimitrios Papadimoulis (GUE/NGL), Gabriele Zimmer (GUE/NGL), Viorica Dăncilă (S&D), Mary Honeyball (S&D), Stefan Eck (GUE/NGL), Bronis Ropė (Verts/ALE), Hugues Bayet (S&D), Klaus Buchner (Verts/ALE)**

Data ta' skadenza: 27.7.2016

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar Strateġija tal-UE għall-Problema ta' Persuni Mingħajr Dar<sup>1</sup>**

1. Il-problema ta' persuni mingħajr dar qed tiżdied fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, u qed tolqot bosta eluf ta' persuni kuljum. Il-persuni mingħajr dar huma varji – żgħażaġh, familji, migranti, superstiti ta' abbuż domestiku u persuni b'diżabbiltà.
2. Il-problema ta' persuni mingħajr dar hija forma estrema ta' faqar, li tmur kontra d-drittijiet tal-bniedem, għandha kostijiet soċjetali għoljin, u taġixxi bħala ostakolu għall-impjiegi u d-drittijiet soċjali.
3. Il-Parlament Ewropew talab ripetutament strateġija tal-UE għall-problema ta' persuni mingħajr dar, inkluż fir-risoluzzjonijiet tiegħu tal-14 ta' Settembru 2011 u tas-16 ta' Jannar 2014.
4. Il-Kunsill, il-KESE u l-KtR esprimew l-opinjoni li l-UE tista' tipprovdi valur miżjud sinifikanti biex tgħin lill-Istati Membri jindirizzaw il-problema ta' persuni mingħajr dar.
5. Il-mira tal-UE dwar il-faqar u l-azzjonijiet maħsuba biex tinkiseb din il-mira attwalment jittraskuraw il-problema ta' persuni mingħajr dar. Bħala spazju ta' ġustizzja, drittijiet fundamentali u ġustizzja soċjali, l-UE għandha tirrettifika din is-sitwazzjoni bħala kwistjoni ta' urġenza u taġhti prijorità lill-problema ta' persuni mingħajr dar fl-aġenda soċjali tagħha.
6. Il-Kummissjoni mitluba tiżviluppa pjan ta' azzjoni għall-problema ta' persuni mingħajr dar, filwaqt li tiegħu kont dovut tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, li jkun fih miżuri li jinkludu l-monitoraġġ, l-iżvilupp tal-għarfien, it-tagħlim reċiproku u l-iskambju transnazzjonali, u filwaqt li jsir użu sħiħ mill-finanzjament u l-istrumenti rilevanti tal-UE.
7. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.